**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 19 ta' Ottubru 2017**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 843/2017**

**Tyrehub Limited**

**vs**

**Anthony Balzan u**
**Dolores sive Doreen Balzan**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-15 ta' Settembru 2017 li jghid hekk:

(1) Illi l-intimati huma debituri tas-socjeta attrici tis-somma ta' tmintax-il elf, tmien mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmu (€18,829.93) oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' tyres mibjugha u ikkonsenjati lill-intimati, fuq inkarigu tal-istess intimati, u dan kif jirrizulta mil-istatement u mil-fatturi relattivi, hawn annessi u mmarkati Dok TL1 sa TL84.

(2) Illi dan id-debitu huwa dejn cert, likwidu u dovut.

(3) Illi gia la darba dan huwa debitu kummercjali l-imghax legali bir-rata tat-8% huwa dovut mid-data ta' kull fattura u ghalhekk mit-22 ta' Marzu 2016 in kwantu ghall-ammont ta' €43.49, mit-30 ta' Dicembru 2016 in kwantu ghall-ammont €7,555.87, mill-11 ta' April 2017 in kwantu ghall-ammont €147.12, mit-8 ta' Gunju 2017 in kwantu ghall-ammont ta' €11,083.45.

(4) Illi l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisponi mil-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(5) Illi s-socjeta attrici interpellat lill-intimati sabiex jhallsu dan id-dejn minnhom dovut, imma minkejja dan l-intimati xorta wahda baqghu inadempjenti.

(6) Illi s-socjeta rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk awtorizzat lill-esponenti nomine jikkonfermahom bil-gurament tieghu.

Ghaldaqstant jghidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-artikoli 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tas-socjeta attrici ghas-somma ta' tmintax-il elf, tmien mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmu (€18,829.93) oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura.

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tmintax-il elf, tmien mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmu (€18,829.93) oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura.

Bl-ispejjez, komprizi tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1267/2017 u dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni prezentat kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta attrici li talvolta jista' jkunu dovuti.

Rat in-nota guramentata tal-konvenuta Dolores Balzan tas-16 ta' Ottubru 2017 li tghid hekk:

Illi hija ghandha tidher quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Ottubru 2017 sabiex tikkontesta l-kawza li qed issir lil Anthony Balzan u lilha, anke ghaliex il-proceduri ta' giljottina addottati mis-socjeta rikorrenti mhux regolati u ma jghoddux ghal-kaz, u dan preliminarjament ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici ma setghet qatt tkun intavolata bil-procedura tal-giljottina u dan peress illi s-socjeta attrici ma setghet qatt bil-gurament tghid illi l-pretensjoni taghha hija certa, likwida u dovuta u li sa fejn taf hu l-esponenti ma ghandihx eccezzjoni x'taghti.

2. Fit-tieni lok, l-esponenti saret taf b'dan id-dejn meta is-socjeta attrici bdiet il-proceduri sabiex tirkupra l-ammont ta' €18,829.93c oltre l-imghax legali allegatament rapprezentanti prezz ta' tyres li bhala stat ta' fatt zgur li qatt ma kienu mibjugha u konsenjati lill-esponenti Dolores sive Doreen Balzan.

3. Fit-tielet lok, illi hemm lok ghall-kontrotalba f'dawn il-proceduri u dan peress illi l-esponenti Dolores sive Doreen Balzan qatt ma talbet lil Tyrehub Limited sabiex

jissiplixxulha xi tyres, jew dahlet bhala garanti ghad-dejn ta' xi hadd u lanqas qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex Tyrehub Limited tissupplixxi xi tyres lil xi hadd.

Salv u impregudikat kwalsiasi dritt iehor li l-esponenti jista ghandha fil-konfront ta' Tyrehub Limited, inkluz kwalsiasi eccezzjoni ohra u premessa u talba ohra li jistghu eventwalment isiru fir-risposta u l-eventwali kontrotalba.

Tant ghandha x'tissottometti l-konvenuta Dolores sive Doris Balzan ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju.

Rat in-nota ta' amminissjoni tal-konvenut Anthony Balzan prezentata fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 ghall-ammont kif dedott;

Rat in-nota tas-socjeta attrici prezentata fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 fejn cediet it-talbiet taghha fil-konfront biss ta' Dolores sive Doreen Balzan u zammet ferm it-talbiet fil-konfront ta' Anthony Balzan.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut Anthony Balzan ihallas lis-socjeta attrici l-ammont bilancjali ta' tmintax-il elf, tmien mija u disgha u ghoxrin euro u tlieta u disghin centezmu (€18,829.93) liema somma tirraprezenta prezz ta' tyres mibjugha u ikkonsenjati lill-istess konvenut; tastjeni mill-tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Dolores Balzan u dan invista tan-nota ta' cessjoni fil-konfront tal-istess konvenuta.
L-ispejjez u l-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura huma kollha a karigu tal-konvenut Anthony Balzan, hlief kull spejjez rigwardanti l-konvenuta Dolores Balzan li ghandha tbatihom is-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur